## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs.**

**Darren Hansford**

Numru 231/2019

Illum 10 ta' April 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Darren Hansford**, bin David Hansford u Antoinette neé Camilleri, mwieled Pieta' fit-23 ta' Jannar 1980 u residenti Nru. 1, Bini tal-Gvern, Blk B Fl 9 Triq Sir Ugo Mifsud, Lija, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 64680(M)

akkuzat talli bejn nhar it-3 ta' Marzu 2019 fi 08:00hrs u l-4 ta' Marzu 2019 06:30hrs minn gewwa vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni EBI 662 tal-ghamla Honda li kienet ipparkjata fi Triq il-Kbira, Mosta:

1. ikkommetta serq ta' *laptop* tal-marka *Asus*, *external hardisk* u xi oggetti ohra li l-valur taghhom hu ta' hames mija u hamsin Euro (€550) liema ammont jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda ma jeccedix elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal haga misruqa u dan sar ghad-dannu ta' Arnold Grech minn Swieqi;

2. fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi, talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu ghall-procedura sommarja (Dok. "MX 2").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitati lilu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tista' titqies bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jissugerixxu lill-Qorti li l-Qorti ghandha taghti sentenza ta' prigunerija fil-konfront tal-imputat it-terminu ta' liema jkun sospiz.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "MX 3"), u kif ukoll il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Mario Xiberras ddikjara li t-tieni (2) imputazzjoni tista' titqies bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni dak suggeriet mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, u dana in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Mario Xiberras fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, wara li rat Artikoli 261(c), 261(g), 267, 271(g), u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Darren Hansford hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Darren Hansford fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn millum.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**